



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1170/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jikkoreġi l-verżjoni Slovena tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae* ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1171/2014 tal-31 ta' Ottubru 2014 li jemenda u jikkoreġi l-Annessi I, III, VI, IX, XI u XVII tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ⁽¹⁾** 3
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1172/2014 tal-31 ta' Ottubru 2014 li jstabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 13

DEĊIŻJONIJIET

2014/768/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2014 li tistabbilixxi t-tip, il-format u l-frekwenza tal-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli dwar tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet applikati f'raffineriji taż-żejt minerali u tal-gass, skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2014) 7517) ⁽¹⁾** 15

2014/769/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2014 li tikkonferma jew temenda l-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali h'ief ġodda għas-sena kalendarja 2013 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2014) 7863)** 19

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

2014/770/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2014 li tikkonferma jew temenda l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri għas-sena kalendarja 2013 skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2014) 7877)** 30

2014/771/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2014 dwar l-identifikazzjoni tal-verżjoni 2.1 tal-“Universal Business Language” għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku ⁽¹⁾** 44

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHMIET INTERNAZZJONALI

2014/772/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali stabbilit taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali tas-16 ta' Mejju 2014 rigward rikonoxximent reċiproku tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea u l-Miżuri dwar Ġestjoni Klassifikata tal-Programm ta' Intrapriżi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina** 46

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1170/2014

tad-29 ta' Ottubru 2014

li jikkoreġi l-verżjoni Slovena tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 li jimplementa d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet zootekniki u ġenealoġiċi li jirregolaw kummerċ intra-Komunitarju *fequidae* ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(2)(c) u (d), it-tieni inċiż tal-Artikolu 6(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KEE tat-23 ta' Ġunju 1994 li tniżżel il-prinċipji dwar il-kundizzjonijiet zootekniki u ġenealoġiċi applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi tal-annimali, is-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom, u li temenda d-Direttiva 77/504/KEE dwar l-annimali ta' razza pura tal-ispeċji bovina ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tagħha,

Billi:

- (1) Fil-verżjoni tal-lingwa Slovena tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 ⁽⁴⁾ il-frażi "it-tipi kollha inkluż il-VEE" hija żbaljata u għaldaqstant hemm bżonn ta' korrezzjoni fil-verżjoni tal-lingwa Slovena. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 504/2008 għandu għalhekk jiġi kkoreġut kif xieraq.
- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u l-Kumitat Permanenti dwar iż-Żootekniki,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjoni tal-lingwa Slovena.

⁽¹⁾ ĠUL 192, 23.7.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 224, 18.8.1990, p. 55.

⁽³⁾ ĠUL 178, 12.7.1994, p. 66.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplementa d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni ta' l-*equidae* (ĠUL 149, 7.6.2008, p. 3).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1171/2014**tal-31 ta' Ottubru 2014****li jemenda u jikkoreġi l-Annessi I, III, VI, IX, XI u XVII tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2007/46/KE tistabbilixxi qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi l-ġodda. Bid-Direttiva 2007/46/KE l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal vettura sħiħa hija obbligatorja għal kull kategorija ta' vetturi, inklużi dawk mibnija f'diversi stadji, f'konformità mal-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Anness XIX tagħha.
- (2) Jinħtieġ li jiġu s-supplimentati r-rekwiżiti tal-Anness XVII tad-Direttiva 2007/46/KE dwar il-proċedura li trid tiġi segwita matul l-approvazzjoni tal-KE f'diversi stadji sabiex din il-proċedura tkun operattiva għalkollox. Jinħtieġ li jiġu emendati wkoll l-Annessi I, III u IX tad-Direttiva 2007/46/KE biex tkun żgurata r-rabta bejn l-istadji differenti tal-konstruzzjoni ta' vettura mibnija f'diversi stadji.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, ipprova għat-tħassir ta' bosta direttivi u s-sostituzzjoni tagħhom permezz tar-Regolamenti korrispondenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE). Bit-tħassir ta' ħafna minn dawk id-direttivi permezz tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 mill-1 ta' Novembru 2014, jixraq li jiġu aġġornati l-entrati rilevanti fl-Anness VI tad-Direttiva 2007/46/KE.
- (4) Jixraq ukoll li l-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE jiġi kkoreġut biex tkun żgurata l-konsistenza fin-numri użati fil-mudelli differenti taċ-ċertifikat tal-konformità għall-entrati li jikkonċernaw il-massa fi stat operattiv u l-massa attwali. Barra minn hekk, jinħtieġ li fl-Anness XI jiġi ċċarat li s-sistemi ta' riffieda tar-ras huma obbligatorji fil-vetturi tal-kategorija M₁ biss.
- (5) Għaldaqstant id-Direttiva 2007/46/KE għandha tiġi emendata kif meħtieġ.
- (6) Jinħtieġ li jingħata biżżejjed żmien lill-manifatturi sabiex jadattaw il-vetturi tagħhom skont ir-rekwiżiti l-ġodda li jikkonċernaw il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji u biex jimmodifikaw iċ-ċertifikat tal-konformità, kif meħtieġ b'dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) L-Annessi I, III, VI, IX u XI tad-Direttiva 2007/46/KE huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness XVII tad-Direttiva 2007/46/KE jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 263, 9.10.2007, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠUL 200, 31.7.2009, p. 1)

Artikolu 2

L-approvazzjonijiet tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi għandhom jingħataw f'konformità mad-Direttiva 2007/46/KE kif emendata b'dan ir-Regolament.

Il-manifatturi għandhom jipprovdu ċertifikati tal-konformità għall-vetturi l-ġodda kollha skont id-Direttiva 2007/46/KE kif emendata b'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016. Fuq talba li ssir mill-manifatturi lill-awtorità tal-approvazzjoni, dan ir-Regolament jista' japplika qabel din id-data.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

Id-Direttiva 2007/46/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 0.2.2 li ġej:

“0.2.2. Informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fl-istadju bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji (elenka l-informazzjoni għal kull stadju. Dan jista' jsir permezz ta' matriċi)

Tip:

Varjant(i):

Verżjoni(jiet):

Numru tal-approvazzjoni tat-tip, inkluż in-numru tal-estensjoni

(b) jiddaħħal il-punt 0.5.1 li ġej

“0.5.1. L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur tal-vettura fl-istadju(/i) bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji

(2) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 0.2.2 li ġej:

“0.2.2. Informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fl-istadju bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji (elenka l-informazzjoni għal kull stadju. Dan jista' jsir permezz ta' matriċi):

Tip:

Varjant(i):

Verżjoni(jiet):

Numru tal-approvazzjoni tat-tip, inkluż in-numru tal-estensjoni

(b) jiddaħħal il-punt 0.5.1 li ġej

“0.5.1. L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur tal-vettura fl-istadju(/i) bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji

(c) jiddaħħlu l-punti 2.17, 2.17.1 u 2.17.2. li ġejjin:

“2.17. Vettura ppreżentata għall-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji (fil-każ biss ta' vetturi mhux kompluti jew ikkometati tal-kategorija N₁ fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007): iva/le (1)”

2.17.1. Il-massa tal-vettura ta' bażi lesta biex taħdem: kg.

2.17.2. Massa speċifika miżjuda (Default Added Mass — DAM), ikkalkolata skont it-Taqsima 5 tal-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008: kg.”

(3) L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) Mudell A, il-punt 0.5. huwa emendat kif ġej:

“0.5. L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur tal-vettura kompluta/ikkometata (1)”

(b) Mudell A, jiddaħħal il-punt 0.5.1 li ġej:

“0.5.1. L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur tal-vettura fl-istadju(/i) bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji

(c) Mudell A, l-Appendiċi jinbidel b'dan li ġej:

“Appendiċi

**Lista ta' atti regolatorji li magħhom jikkonforma t-tip ta' vettura
(li għandha timentela biss fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 6(3)).**

Suġġett ⁽¹⁾	Referenza għall-att regolatorju ⁽¹⁾	Kif emendat bi	Applikabbli għall-varjanti
1. Livelli permissibbli ta' ħoss			
2. Emissjonijiet			
3. Tankijiet tal-fjuwil/Tagħmir protettiv ta' wara			
...			

⁽¹⁾ Skont l-Anness IV ta' din id-Direttiva”

(4) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti I, Vetturi kompluti u kkompletati, hija emendata kif ġej:

(i) Fil-“Mudell B — Naħa 1 — Ċertifikat tal-konformità tal-KE għal vetturi kompluti”, il-punt 0.2.2. jinbidel b'dan li ġej:

“0.2.2. Informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fl-istadju bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji (elenka l-informazzjoni għal kull stadju):

Tip:

Varjant ^(a):

Verżjoni ^(a):

Numru tal-approvazzjoni tat-tip, numru tal-estensjoni

(ii) Fil-“Mudell B — Naħa 1 — Ċertifikat tal-konformità tal-KE għal vetturi kompluti”, il-punt 0.5.1. jinbidel b'dan li ġej:

“0.5.1. L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur tal-vettura fl-istadju(/i) bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji

(iii) Fin-“Naħa 2 — Kategoriji tal-vetturi O₃ u O₄ (vetturi kompluti u kkompletati)”, jiddaħħal il-punt 13.2. li ġej:

“13.2. Massa attwali tal-vettura:kg”

(b) Il-Parti II, Vetturi mhux kompluti, hija emendata kif ġej:

(i) Fil-“Mudell C1 — Naħa 1, Ċertifikat ta' konformità tal-KE għal vetturi mhux kompluti”, jiddaħħal il-punt 0.2.2. li ġej:

“0.2.2. Informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fl-istadju bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f'diversi stadji (elenka l-informazzjoni għal kull stadju):

Tip:

Varjant ^(a):

Verżjoni ^(a):

Numru tal-approvazzjoni tat-tip, numru tal-estensjoni

- (ii) Fil-“Mudell C1 — Naħa 1, Ċertifikat ta’ konformità tal-KE għal vetturi mhux kompluti”, jiddaħħal il-punt 0.5.1. li ġej:
 “0.5.1. L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur tal-vettura fl-istadju(i) bażiku/preċedenti għal vetturi approvati f’diversi stadji.....”
- (iii) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_1 (vetturi mhux kompluti)”, jitħassar il-punt 13.2
- (iv) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_1 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (v) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_1 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (vi) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_2 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (vii) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_2 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (viii) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_3 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (ix) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi M_3 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (x) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_1 (vetturi mhux kompluti)”, jitħassar il-punt 13
- (xi) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_1 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xii) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_1 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xiii) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_2 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xiv) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_2 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xv) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_3 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xvi) Fin-“Naħa 2 — Kategorija tal-vetturi N_3 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xvii) Fin-“Naħa 2 — Kategoriji tal-vetturi O_1 u O_2 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xviii) Fin-“Naħa 2 — Kategoriji tal-vetturi O_1 u O_2 (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:
 “14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”
- (xix) Fin-“Naħa 2 — Kategoriji tal-vetturi O_3 u O_4 (vetturi mhux kompluti)”, il-punt 14 jinbidel b’dan li ġej:
 “14. Massa fi stat operattiv tal-vettura mhux kompluta: ... kg”

(xx) Fin-“Naħa 2 — Kategoriji tal-vetturi O₃ u O₄ (vetturi mhux kompluti)”, jiddaħħal il-punt 14.2. li ġej:

“14.2. Massa attwali tal-vettura mhux kompluta: ... kg”

(xxi) Fin-noti ta’ spjega tal-Anness IX, in-nota f’qiegħ il-paġna e tinbidel b’dan li ġej:

“(e) L-entrati 4 u 4.1 għandhom ikunu kkompletati f’konformità mad-definizzjoni 25 (bażi tar-roti) u d-definizzjoni 26 (spazju bejn il-fusien) tar-Regolament 1230/2012 rispettivament”

(5) L-Anness XI hu emendat kif ġej:

(a) Fl-Appendiċi 1, l-entrata 38 A hija emendata kif ġej:

“38 A	Riffieda tar-ras (head restraints/headrests), kemm jekk inkorporati fis-sits tal-vettura jew le	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 25 tan-NU/KEE	D	G+D”		
-------	---	--	---	------	--	--

(b) Fl-Appendiċi 4, titħassar l-entrata 38 A.

ANNEX II

"ANNEX XVII

PROCĊURI LI JRIDU JIĠU SEGWITI MATUL APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

1. L-OBBLIGI TAL-MANIFATTURI
 - 1.1. L-operazzjoni sodisfaċenti tal-proċess ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE f'diversi stadji teħtieġ azzjoni konġunta mill-manifatturi kollha kkonċernati. Għal dan l-għan l-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom jiżguraw, qabel jagħtu l-approvazzjoni tal-ewwel stadju u dak sussegwenti, li jeżistu arranġamenti xierqa bejn il-manifatturi rilevanti għall-forniment u l-interkambju ta' dokumenti u informazzjoni tali li t-tip ta' vettura kkompletata tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi tal-atti regolatorji separati rilevanti kollha preskritti fl-Anness IV jew l-Anness XI. Tali informazzjoni għandha tinkludi dettalji tas-sistema rilevanti, il-komponent u l-approvazzjonijiet tal-unità teknika separata u ta' parts ta' vettura li jagħmlu parti mill-vettura mhux kompluta iżda li għadhom ma ġewx approvati. Il-manifattur tal-istadju preċedenti għandu jipprovi informazzjoni dwar kull bidla li tista' taffettwa l-approvazzjonijiet tat-tip tas-sistema jew l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha lill-manifattur tal-istadju suċċessiv. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat hekk kif tinħareġ l-estensjoni l-għdida għat-tip tal-vettura sħiħa u sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-vettura mhux kompluta.
 - 1.2. Fil-proċess ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE f'diversi stadji, kull manifattur hu responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kollha manifatturati minnu jew miżjuda minnu mal-istadju li nbena qabel. Il-manifattur tal-istadju suċċessiv mhux responsabbli għal soġġetti li ġew approvati fi stadju preċedenti minbarra f'dawk il-każijiet fejn hu jimmodifika parts rilevanti b'tali mod li l-approvazzjoni mogħtija qabel issir invalida.
 - 1.3. Il-proċedura f'diversi stadji tista' tintuża minn manifattur wieħed. Madankollu, il-proċedura f'diversi stadji ma għandhiex tintuża biex tevita r-rekwiżiti applikabbli għall-vetturi mibnija fi stadju uniku. B'mod partikolari, il-vetturi approvati b'dan il-mod mhumiex ikkunsidrati bħala vetturi mibnija f'diversi stadji fil-kuntest tal-paragrafu 3.4 ta' dan l-Anness u l-Artikolu 22, 23, u 27 ta' din id-Direttiva (limiti tas-Serje żgħar u ta' Tmiem is-serje).
2. L-OBBLIGI TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP
 - 2.1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha:
 - (a) tivverifika li ċ-ċertifikati tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE kollha maħruġa skont l-atti regolatorji li huma applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura jkopru t-tip ta' vettura fl-istat kompletat tagħha u jikkorrispondu għall-ħtiġijiet preskritti;
 - (b) tiżgura li d-dejta kollha rilevanti hija inkluża fil-folder ta' informazzjoni, filwaqt li tikkunsidra l-vettura fl-istat kompletat tagħha;
 - (c) b'referenza għad-dokumentazzjoni tiżgura li l-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-vettura u d-dejta miżmuma fil-Parti I tal-folder ta' informazzjoni tal-vettura huma inklużi fid-dejta fil-pakketti ta' informazzjoni u fiċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward tal-atti regolatorji rilevanti; u fil-każ ta' vettura kompletata, fejn numru ta' punt fil-Parti I tal-folder ta' informazzjoni ma jkunx inkluż fil-pakkett ta' informazzjoni ta' kwalunkwe att regolatorju separat, tikkonferma li l-parti jew il-karatteristika rilevanti tikkonforma mad-dettalji fil-folder ta' informazzjoni;
 - (d) fuq kampjun magħżul ta' vetturi mit-tip li għandu jiġi approvat twestaq jew tirranġa biex jitwettqu spezzjonijiet ta' parts u sistemi tal-vettura biex tivverifika li l-vettura/i hi/huma mibnija skont id-dejta rilevanti miżmuma fil-pakkett ta' informazzjoni awtentikat fir-rigward tal-atti regolatorji rilevanti kollha;
 - (e) twestaq jew tirranġa biex jitwettqu kontrolli ta' installazzjoni rilevanti fir-rigward ta' unitajiet tekniċi separati fejn applikabbli.
 - 2.2. L-għadd ta' vetturi li jridu jiġu spezzjonati għall-finijiet tal-paragrafu 2.1(d) għandu jkun biżżejjed biex jippermetti l-kontroll tad-diversi kumbinazzjonijiet li għandhom jieħdu approvazzjoni tat-tip tal-KE skont il-vettura fl-istat kompletat tagħha u l-kriterji li ġejjin:
 - magna,
 - gerboks,

- il-fusijiet potenziati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni),
- il-fusijiet iggwidati (numru u pożizzjoni),
- stili tal-karozzerija,
- numru ta' bibien,
- naħa tas-sewqan,
- numru ta' sits,
- livell ta' tagħmir,

3. IR-REKWIŻITI APPLIKABBLI

- 3.1. L-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE skont dan l-Anness jingħataw abbażi tal-istat attwali tal-ikkompletar tat-tip ta' vettura u għandhom jinkorporaw l-approvazzjonijiet kollha mogħtija fl-istadji ta' qabel.
- 3.2. Il-leġiżlazzjoni (b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-Anness II u l-atti partikolari elenkati fl-Anness IV u l-Anness XI ta' din id-Direttiva) għandha tapplika bl-istess mod daqslikieku l-approvazzjoni se tingħata (jew tiġi estiża) lill-manifattur tal-vettura tal-bażi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa.
 - 3.2.1. Jekk sistema/komponent ta' tip ta' vettura ma jkunx ġie modifikat, l-approvazzjoni mogħtija għas-sistema/komponent fl-istadju ta' qabel tibqa' valida sakemm tasal id-data tal-ewwel reġistrazzjoni f'dak l-att regolatorju partikolari.
 - 3.2.2. Jekk tip ta' sistema ta' vettura ġie modifikat fl-istadju suċċessiv b'tali mod li jrid jerġa' jiġi ttesjat mill-ġdid għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip, il-valutazzjoni għandha tkun limitata għal dawk il-parts tas-sistema li ġew modifikati jew affettwati mill-bidliet biss.
 - 3.2.3. Jekk sistema ta' vettura jew tip ta' vettura sħiħ ġew modifikati minn manifattur ieħor fi stadju sussegwenti b'tali mod li jistgħu jibqgħu jitqiesu bħala l-istess tip, ħlief għall-isem tal-manifattur, ir-rekwiżit li japplika għat-tipi eżistenti jista' jibqa' applikabbli sakemm tasal id-data tal-ewwel reġistrazzjoni fl-att regolatorju rilevanti.
 - 3.2.4. Jekk tinbidel il-kategorija ta' vettura, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti tal-kategorija l-ġdida. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip mill-kategorija preċedenti jistgħu jiġi aċċettati sakemm ir-rekwiżiti li magħhom tikkonforma l-vettura huma l-istess jew aktar stretti minn dawk applikabbli għall-kategorija l-ġdida.
- 3.3. Soġġett għall-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni, l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa mogħtija lill-manifattur tal-istadju sussegwenti ma teħtieġ li tiġi estiża jew riveduta jekk l-estenzjoni mogħtija fl-istadju preċedenti tal-vettura ma taffettwax l-istadju suċċessiv jew id-dejta teknika tal-vettura. Madankollu, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip inkluża l-estenzjoni tal-istadju/i preċedenti tal-vettura għandhom jiġu kkuppjati fil-punt 0.2.2 taċ-ċertifikat tal-konformità tal-istadju sussegwenti tal-vettura.
- 3.4. Jekk iż-żona tat-tagħbija ta' vettura kompluta jew ikkompletata tal-kategorija N jew O tiġi modifikata minn manifattur ieħor b'żieda ta' fittings li jistgħu jitneħħew biex tinħażen jew tkun assigurata l-merkanzija (pereżempju, il-kisi intern taż-żona tat-tagħbija, xkafef għall-ħżin u xkafef fuq is-saqaf), dawn l-oġġetti jistgħu jitqiesu bħala parti mill-massa utli u għalihom ma tinħtieġx approvazzjoni, jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-modifiki ma jaffettwaw bl-ebda mod l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, ħlief b'żieda fil-massa attwali tal-vettura;
 - (b) il-fittings miżjuda jistgħu jitneħħew mingħajr l-użu ta' għodda speċjali.

4. L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA

- 4.1. In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura bażi (VIN) preskritt bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011⁽¹⁾ għandu jinżamm matul l-istadji sussegwenti kollha tal-proċess ta' approvazzjoni tat-tip biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-proċess.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-panċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

- 4.2. Fit-tieni stadju u fl-istadji ta' wara, minbarra l-pjanċa statutorja preskritta bir-Regolament (UE) Nru 19/2011 kull manifattur għandu jwaħħal mal-vettura pjanċa addizzjonali li l-mudell tagħha jidher fl-appendiċi ta' dan l-Anness. Din il-pjanċa għandha titwaħħal sew, f'pożizzjoni li tidher tajjeb u aċċessibbli faċilment f'parti li mhix soġġetta għal sostituzzjoni waqt l-użu. Din għandha turi b'mod ċar u li ma jitħassarx l-informazzjoni li ġeja fl-ordni elenkata:
- l-isem tal-manifattur,
 - It-Taqsimiet 1, 3 u 4 tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE,
 - l-istadju ta' approvazzjoni,
 - in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura bażi,
 - Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura jekk il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni,
 - Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni (jekk il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni, u jekk il-vettura tkun tista' tirmonka trejler). Għandha tintuża ċ-ċifra '0' jekk il-vettura ma jkollhiex permess tirmonka trejler,
 - Il-massa massima teknikament permissibbli fuq kull fus, elenkata fl-ordni minn quddiem għal wara jekk il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni,
 - fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus ċentrali, il-massa massima teknikament permissibbli fil-punt tal-igganċjar jekk il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni.

Il-pjanċa għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness I u l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 19/2011, sakemm mhux stipulat mod ieħor hawn fuq.

Appendiċi

IL-MUDELL TAL-PJANĊA ADDIZZJONALI TAL-MANIFATTUR

L-eżempju hawn taħt huwa mogħti biss bħala gwida.

L-ISEM TAL-MANIFATTUR (stadju 3)
e2*2007/46*2609
Stadju 3
WD9VD58D98D234560
1 500 kg
2 500 kg
1 – 700 kg
2 – 810 kg”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1172/2014**tal-31 ta' Ottubru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	62,5
	MA	74,2
	MK	57,9
	ZZ	64,9
0707 00 05	AL	74,3
	MK	80,7
	TR	126,5
	ZZ	93,8
0709 93 10	MA	64,8
	TR	135,9
	ZZ	100,4
0805 50 10	AR	72,8
	TR	89,7
	UY	29,5
	ZZ	64,0
0806 10 10	BR	292,6
	MD	36,9
	PE	376,1
	TR	147,9
	US	400,6
	ZZ	250,8
	ZZ	250,8
0808 10 80	BR	53,2
	CA	88,6
	CL	87,4
	NZ	145,6
	US	207,7
	ZA	169,6
	ZZ	125,4
0808 30 90	CN	68,8
	TR	99,6
	ZZ	84,2
	ZZ	84,2

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ottubru 2014

li tistabbilixxi t-tip, il-format u l-frekwenza tal-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli dwar tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet applikati f'raffineriji taż-żejt minerali u tal-gass, skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2014) 7517)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/768/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 72(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/738/UE ⁽²⁾ tistabbilixxi konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli ("konklużjonijiet tal-BAT") għar-raffinar taż-żejt minerali u tal-gass. Il-konklużjonijiet tal-BAT 57 u 58, stabbiliti b'dik id-Deċiżjoni, jippermettu lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minn teknika ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet għal emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u ta' diossidu tal-kubrit (SO₂) minn ċerti unitajiet tekniċi.
- (2) Ir-raffineriji taż-żejt minerali u l-gass huma sorsi sinifikanti ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, b'mod partikolari d-dijossidu tal-kubrit u l-ossidi tan-nitroġenu. Kieku r-raffineriji jużaw teknika ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet, dan isir il-fattur ewlieni determinanti għall-prestazzjoni ambjentali ta' dawk ir-raffineriji.
- (3) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' rappurtar speċifiċi sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta l-applikazzjoni korretta tal-BAT 57 u l-BAT 58, u b'mod partikolari biex tivverifika li t-teknika ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet tkun imfassla, implimentata u mħaddma b'tali mod li tkun konformi mal-prinċipji ta' riżultat ambjentali ekwivalenti, kif stipulat f'dawk il-konklużjonijiet tal-BAT.
- (4) It-tip ta' informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet deskritta fil-BAT 57 u l-BAT 58 għandha tiġi ddeterminata u għandha tinkludi deskrizzjoni tal-karatteristiċi tad-disinn sinifikanti tat-tekniki implimentati, il-valuri assoċjati ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti, kif ukoll is-sistema assoċjata ta' monitoraġġ u r-riżultati tagħha.
- (5) Skont l-Artikolu 72(1) tad-Direttiva 2010/75/UE, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-BAT disponibbli f'format elettroniku. Sabiex jiżguraw il-konsistenza u l-koerenza tal-informazzjoni disponibbli, l-Istati Membri għandhom jużaw il-format ta' rappurtar elettroniku żviluppat għal dak l-għan mill-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.
- (6) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE,

⁽¹⁾ ĠUL 334, 17.12.2010, p. 17.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/738/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali, għar-raffinar taż-żejt minerali u tal-gass (ĠUL 307, 28.10.2014, p. 38).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Rappurtar mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tat-tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet stabbiliti fil-BAT 57 u l-BAT 58, adottati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/738/UE.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli skont l-Anness u għandha tkopri s-snin 2017, 2018 u 2019. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għal kull raffinerija taż-żejt minerali u tal-gass fejn tkun implimentata teknika ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet stabbilita fil-BAT 57 jew fil-BAT 58 għall-emissjonijiet fl-arja ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x) jew ta' diossidu tal-kubrit (SO₂).

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2020, billi jintuża l-format ta' rappurtar elettroniku pprovdut għal dan l-għan.

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Janez POTOČNIK
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Tip ta' informazzjoni dwar tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet applikati f'raffineriji taż-żejt minerali u tal-gass li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni**1. Informazzjoni ġenerali**

- 1.1. Numru ta' referenza tal-installazzjoni: identifikatur uniku tal-installazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva 2010/75/UE;
- 1.2. Isem l-installazzjoni;
- 1.3. Isem l-operatur;
- 1.4. Indirizz tal-installazzjoni: triq, kodiċi postali, belt u pajjiż.

2. Informazzjoni dwar l-ambitu tat-tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet u l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet applikabbli

- 2.1. Lista u deskrizzjoni tal-unitajiet ta' kombustjoni u ta' proċess koperti mit-tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet għall- NO_x u I-SO_2 , b'mod partikolari:
 - (a) tip ta' unità (unità ta' kombustjoni, unità ta' kkrekkjar katalitiku fluwidu, unità ta' rkupru tal-kubrit mill-gass ta' skart);
 - (b) kapaċità termali nominali (għal unitajiet ta' kombustjoni);
 - (c) it-tip ta' fjuwil(s) użati (għal unitajiet ta' kombustjoni);
 - (d) unità ġdida jew eżistenti;
 - (e) bidliet sostanzjali u strutturali, eż. waqt it-tħaddim jew fl-użu ta' fjuwil, matul il-perjodu ta' rappurtar li affettwaw il-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-BAT (BAT-AELs).
- 2.2. Il-valuri ta' limiti tal-emissjonijiet applikabbli għall- NO_x u I-SO_2 skont it-tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet, fejn jiġu deskritti:
 - (a) valuri, unitajiet, perjodi tal-kalkolu tal-medja u kundizzjonijiet ta' referenza;
 - (b) kif dawn il-valuri ta' limitu kienu ddeterminati fir-rigward tal-BAT 57 u l-BAT 58 stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/738/UE;
 - (c) liema konċentrazzjonijiet ta' emissjonijiet kienu kkunsidrati għal kull unità kkonċernata fir-rigward tal-BAT 57 u l-BAT 58 u meta mqabbla mal-BAT-AELs individwali u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati BAT (BAT-AEPL) għal unitajiet ta' rkupru tal-kubrit mill-gass ta' skart.
 - (d) liema rati tal-fluss tal-gass fit-tromba taċ-ċmieni (jew fatturi oħra) intużaw bħala fattur ta' ponderazzjoni għal kull unità u kif dawn ġew iddeterminati;
 - (e) liema elementi jew fatturi oħra ntużaw biex jistabbilixxu l-valuri ta' limitu.

3. Informazzjoni dwar is-sistema ta' monitoraġġ

- 3.1. Deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ użata biex tiddetermina l-emissjonijiet skont it-tekniki ta' ġestjoni integrata tal-emissjonijiet.
- 3.2. Dettalji dwar il-parametri mkejla u kkalkulati, it-tip (dirett, indirett) u l-metodi ta' kejl użati, il-fatturi ta' kalkolu użati (u l-ġustifikazzjoni tagħhom) u l-frekwenza tal-monitoraġġ.

4. Informazzjoni dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ

Ħarsa ġenerali tar-riżultati tal-monitoraġġ li juru li l-BAT-AELs applikabbli stabbiliti fil-BAT 57 u l-BAT 58 ġew osservati u li l-emissjonijiet li rriżultaw huma ugwali għal jew inqas mill-emissjonijiet meta jiġu applikati l-BAT-AELs u l-BAT-AEPLs applikabbli fil-livell għal kull unità, inklużi mill-inqas dawn li ġejjin:

- (a) il-konċentrazzjoni medja tal-emissjonijiet madwar l-unitajiet kollha kkonċernati (mg/Nm^3 , il-medji kollha ta' kull xahar matul sena);
- (b) l-emissjonijiet totali ta' kull xahar madwar l-unitajiet kollha kkonċernati (tunnellati/xahar);

- (c) il-konċentrazzjoni medja tal-emissjonijiet għal kull unità kkonċernata (mg/Nm^3 , il-medji ta' kull xahar matul sena);
 - (d) ir-rata tal-fluss tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija għal kull unità kkonċernata ($\text{Nm}^3/\text{siegħa}$, il-medji kollha ta' kull xahar matul sena).
-

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-30 ta' Ottubru 2014****li tikkonferma jew temenda l-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2013 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2014) 7863)***(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Isvediż, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, u bit-Taljan, biss huma awtentiċi)****(2014/769/UE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(6) u 10(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni hi mitluba biex, skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, kull sena tikkonferma jew temenda l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ u l-valur mira għall-emissjonijiet speċifiċi għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief fl-Unjoni. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-manifatturi u l-konsorzji ta' manifatturi li ġew imwaqqfa skont l-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament irrispettawx il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għas-sena kalendarja 2012 u 2013, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi mhumieq vinkolanti u għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tikkalkula miri indikattivi. Peress li daww il-miri indikattivi se jservu bħala indikaturi għall-manifatturi fir-rigward tal-isforz meħtieġ biex tintlaħaq il-mira obbligatorja fl-2014, huwa xieraq li tiġi ddeterminata l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-manifatturi għall-2012 u l-2013 skont ir-rekwiżiti stabbiliti fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u li jitqiesu biss 70 % tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda tal-manifattur irreġistrati tul dik is-sena.
- (3) Id-dejta ddettaljata li għandha tintuża għall-kalkolu tal-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi hija stabbilita fil-punt 1 tal-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u hija bbażata fuq ir-reġistrazzjonijiet tal-Istati Membri ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda.
Għall-Kummissjoni
Connie HEDEGAARD
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

It-Tabella numru 1

Valuri marbutin mal-prestazzjoni tal-manifatturi kkonfermati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75%) ikkoreġuta	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (100%)
ALPINA BURKARD BOVEN-SIEPEN GMBH E CO KG	DMD	444	169,820				1 876,43	183,032
ASTON MARTIN LAGONDA LTD	D	1 579	313,688	318,000	- 4,312	- 4,312	1 813,29	326,017
AUDI AG	P12	650 919	121,881	138,319	- 16,438	- 16,438	1 554,03	133,277
AUDI HUNGARIA MOTOR KFT	P12	7 132	141,911	133,391	8,520	8,520	1 446,20	150,909
AUTOMOBILES CITROEN		587 504	106,856	129,275	- 22,419	- 22,419	1 356,14	116,461
AUTOMOBILES PEUGEOT		723 633	105,652	128,934	- 23,282	- 23,282	1 348,68	115,040
AVTOVAZ JSC	D	1 295	215,429	201,000	14,429	14,429	1 277,78	217,830
BENTLEY MOTORS LTD	P12	1 952	288,711	181,440	107,271	107,151	2497,60	308,795
BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG	P1	758 080	123,541	138,592	- 15,051	- 15,179	1 560,00	133,866
BMW M GMBH	P1	4 307	239,855	153,566	86,289	85,498	1 887,67	253,097
BUGATTI AUTOMOBILES SAS	P12	11	539,000	161,670	377,330	377,330	2 065,00	544,182
CATERHAM CARS LIMITED	DMD	85	162,714				662,06	171,776
CECOMP S,P,A,		566	0,000	123,282	- 123,282	- 123,282	1 225,00	0,000
CHEVROLET ITALIA SPA	P5	746	112,021	119,423	- 7,402	- 7,402	1 140,56	117,095
CHRYSLER GROUP LLC	P3	46 131	183,732	161,282	22,450	22,398	2 056,51	194,511
CNG-TECHNIK GMBH	P4	85	19,235	137,855	- 118,620	- 118,620	1 543,89	64,165
AUTOMOBILE DACIA S,A,	P8	289 149	119,365	122,143	- 2,778	- 2,779	1 200,08	126,644
DAIHATSU MOTOR CO LTD	P11	487	148,923	124,189	24,734	24,734	1 244,85	156,561
DAIMLER AG	P2	661 318	119,834	139,386	- 19,552	- 19,570	1 577,38	136,551

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75%) ikkoreġuta	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (100%)
DONKERVOORT AUTOMOBIELEN BV	DMD	8	178,000				865,00	178,000
DR MOTOR COMPANY SRL	DMD	424	125,075				1 202,23	134,627
FERRARI SPA	D	2 049	304,561	303,000	1,561	1,561	1 722,29	323,199
FIAT GROUP AUTOMOBILES SPA	P3	646 554	110,620	119,633	- 9,013	- 9,026	1 145,15	116,263
FISKER AUTOMOTIVE INC		90	47,650	181,778	- 134,128	- 134,128	2 505,00	49,867
FORD MOTOR COMPANY	P4	2	194,000	164,526	29,474	29,474	2 127,50	194,000
FORD-WERKE GMBH	P4	891 562	111,513	128,620	- 17,107	- 17,109	1 341,80	121,603
FUJI HEAVY INDUSTRIES LTD	ND	26 962	151,086	164,616	- 13,530	- 13,530	1 564,99	159,492
GENERAL MOTORS COMPANY	P5	2 301	82,392	149,866	- 67,474	- 67,474	1 806,71	194,112
GM KOREA COMPANY	P5	135 377	124,192	131,530	- 7,338	- 7,338	1 405,47	135,875
GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED	DMD	448	164,583				1 180,63	165,531
HONDA AUTOMOBILE CHINA CO LTD	P6	14 183	124,104	119,617	4,487	4,487	1 144,79	125,345
HONDA MOTOR CO LTD	P6	61 983	122,335	130,626	- 8,291	- 8,291	1 385,70	133,795
HONDA TURKIYE AS	P6	1 743	154,271	126,797	27,474	27,474	1 301,92	155,089
HONDA OF THE UK MANUFACTURING LTD	P6	53 052	134,040	137,886	- 3,846	- 3,846	1 544,57	145,122
HYUNDAI MOTOR COMPANY		44 551	134,693	143,242	- 8,549	- 8,549	1 661,77	146,184
HYUNDAI MOTOR MANUFACTURING CZECH SRO		220 348	130,549	132,489	- 1,940	- 1,940	1 426,46	138,081
HYUNDAI MOTOR INDIA LTD		72 184	108,201	114,154	- 5,953	- 5,953	1 025,25	111,015
HYUNDAI ASSAN OTOMOTIV SANAYI VE		62 241	110,201	117,953	- 7,752	- 7,752	1 108,38	112,343
JAGUAR LAND ROVER LIMITED	P10/ND	131 530	164,623	178,025	- 13,402	- 13,402	2 049,30	181,647

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u deroġi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75%) ikkoreġuta	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (100%)
JIANGLING MOTOR HOLDING CO LTD	DMD	23	140,000				1 378,48	143,652
KIA MOTORS CORPORATION		285 334	117,620	127,633	- 10,013	- 10,013	1 320,21	127,981
KIA MOTORS SLOVAKIA SRO		53 230	131,814	132,382	- 0,568	- 0,568	1 424,13	140,012
KTM-SPORTMOTORCYCLE AG	DMD	31	187,652				896,77	189,290
LADA AUTOMOBILE GMBH	DMD	386	225,000				1 285,00	225,000
LADA FRANCE	P8	13	179,000	129,452	49,548	49,548	1 360,00	179,000
AUTOMOBILI LAMBORGHINI SPA	P12	404	340,558	144,718	195,840	195,840	1 694,06	349,171
LOTUS CARS LIMITED	D	491	197,899	280,000	- 82,101	- 82,101	1 228,42	207,505
MAGYAR SUZUKI CORPORATION LTD	P9/ND	98 295	118,793	123,114	- 4,321	- 4,321	1 151,00	125,554
MAHINDRA & MAHINDRA LTD	DMD	231	181,017				1 917,84	182,987
MARUTI SUZUKI INDIA LTD	P9/ND	26 564	98,182	123,114	- 24,932	- 24,933	932,05	99,438
MASERATI SPA	P3	1 356	266,367	158,264	108,103	105,464	1 990,46	289,532
MAZDA MOTOR CORPORATION	ND	133 180	126,281	129,426	- 3,145	- 3,145	1 421,75	134,115
MCLAREN AUTOMOTIVE LIMITED	D	185	275,920	285,000	- 9,080	- 9,080	1 542,06	276,703
MERCEDES-AMG GMBH	P2	1 930	177,115	147,147	29,968	28,048	1 747,20	212,777
MG MOTOR UK LIMITED	D	488	147,645	151,600	- 3,955	- 3,955	1 437,34	154,408
MIA ELECTRIC SAS		257	0,000	108,278	- 108,278	- 108,278	896,68	0,000
MITSUBISHI MOTORS CORPORATION (MMC)	P7	54 367	89,125	140,783	- 51,658	- 51,658	1 607,95	128,371
MITSUBISHI MOTORS EUROPE BV MME	P7	6 648	118,295	121,228	- 2,933	- 2,933	1 180,06	126,313
MITSUBISHI MOTORS THAILAND CO LTD MMTH	P7	9 816	93,898	110,407	- 16,509	- 16,509	943,26	97,292

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75%) ikkoreġuta	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (100%)
MORGAN MOTOR CO LTD	DMD	426	168,746				1 104,34	189,455
NISSAN INTERNATIONAL SA		411 671	115,711	131,240	- 15,529	- 15,529	1 399,14	130,854
ADAM OPEL AG	P5	804 072	122,121	133,249	- 11,128	- 11,128	1 443,09	132,096
PERODUA MANUFACTURING SDN BHD	DMD	200	137,000				1 011,84	138,180
DR ING HCF PORSCHE AG	P12	41 854	190,087	150,634	39,453	39,453	1 823,52	200,960
PERUSAHAAN OTOMOBIL NASIONAL SDN BHD	D	3	157,000	181,000	- 24,000	- 24,000	1 380,00	158,333
QOROS AUTOMOTIVE CO LTD	DMD	12	146,000				1 485,00	146,000
QUATTRO GMBH	P12	4 282	234,695	153,137	81,558	81,558	1 878,27	247,434
RADICAL MOTOSPORT LTD	DMD	4	229,000				850,00	229,000
RENAULT SAS	P8	793 038	96,384	124,965	- 28,581	- 28,583	1 261,83	109,981
RENAULT TRUCKS	DMD	18	193,000				2 130,56	199,056
ROLLS-ROYCE MOTOR CARS LTD	P1	420	324,203	181,767	142,436	141,929	2 504,75	330,490
SEAT SA	P12	280 310	111,316	123,574	- 12,258	- 12,361	1 231,39	118,771
SECMA SAS	DMD	39	131,000				658,00	131,000
SKODA AUTO AS	P12	480 729	115,924	125,226	- 9,302	- 9,332	1 267,54	124,653
SSANGYONG MOTOR COMPANY	D	4 937	171,485	180,000	- 8,515	- 8,515	1 856,76	182,062
SUZUKI MOTOR CORPORATION	P9/ND	21 742	158,668	123,114	35,554	35,501	1 337,48	166,586
TATA MOTORS LIMITED	P10/ND	883	130,428	178,025	- 47,597	- 47,597	1 339,85	140,574
TAZZARI GL SPA	DMD	2	0,000				735,00	0,000
TESLA MOTORS LTD		1 671	0,000	166,426	- 166,426	- 166,426	2 169,07	0,000
TOYOTA MOTOR EUROPE NV SA	P11	512 761	102,194	127,386	- 25,192	- 25,724	1 314,81	116,431

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75 %) ikkoreġuta	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (100 %)
VEHICULES ELECTRIQUES PININFARINA-BOLLORE SAS		72	0,000	123,282	- 123,282	- 123,282	1 225,00	0,000
VOLKSWAGEN AG	P12	1 486 188	115,735	130,442	- 14,707	- 14,827	1 381,67	127,279
VOLVO CAR CORPORATION		203 065	107,012	145,012	- 38,000	- 38,000	1 700,48	130,764
WIESMANN GMBH	DMD	37	281,815				1 440,81	286,459

It-Tabella numru 2

Valuri marbutin mal-prestazzjoni tal-konsorzji kkonfermati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-konsorzju	Konsorzju	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75 %) ikkoreġuta	Mira tal-emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja ta' CO ₂ (100 %)
BMW GROUP	P1	762 807	123,685	138,700	- 15,015	- 15,141	1 562,37	134,648
DAIMLER AG	P2	663 248	119,873	139,409	- 19,536	- 19,555	1 577,88	136,773
FIAT GROUP AUTOMOBILES SPA	P3	694 041	111,31	122,477	- 11,167	- 11,197	1 207,38	121,803
FORD-WERKE GMBH	P4	891 649	111,492	128,621	- 17,129	- 17,130	1 341,82	121,598
GENERAL MOTORS	P5	942 497	121,937	133,032	- 11,095	- 11,095	1 438,34	132,778
HONDA MOTOR EUROPE LTD	P6	130 961	126,154	132,324	- 6,170	- 6,170	1 422,85	137,752
MITSUBISHI MOTORS	P7	70 831	89,973	134,738	- 44,765	- 44,765	1 475,67	123,871
POOL RENAULT	P8	1 082 200	101,787	124,211	- 22,424	- 22,426	1 245,33	114,434
SUZUKI POOL	P9/ND	146 601	115,69	123,114	- 7,424	- 7,435	1 138,98	126,907
TATA MOTORS JAGUAR CARS LAND ROVER	P10/ND	132 413	164,303	178,025	- 13,722	- 13,722	2 044,57	181,373

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-konsorzju	Konsorzju	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Medja tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (75 %) ikkoreġuta	Mira tal-emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Medja ta' CO ₂ (100 %)
TOYOTA -DAIHATSU GROUP	P11	513 248	102,214	127,384	- 25,170	- 25,703	1 314,75	116,469
VW GROUP PC	P12	2 953 781	116,868	131,039	- 14,171	- 14,254	1 394,74	128,793

Noti ta' spjega għat-Tabelli 1 u 2

Il-kolonna A:

It-tabella nru 1: "Isem il-manifattur" tfisser l-isem tal-manifattur kif innotifikat lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat jew, meta ma tkunx saret din in-notifika, l-isem irreġistrat mill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru.

It-tabella nru 2: "Isem il-konsorzju" tfisser l-isem tal-konsorzju kif iddikjarat mill-manijer tal-konsorzju.

Il-kolonna B:

"D" tfisser li nġhatat deroga marbuta ma' manifattur ta' volumi żgħar skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, b'effett għas-sena kalendarja 2013;

"ND" tfisser li nġhatat deroga marbuta ma' manifattur speċjalizzat skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, b'effett għas-sena kalendarja 2013;

"DMD" tfisser li tapplika deroga *de minimis*, dan ifisser li manifattur li, flimkien mal-intrapriżi kollha marbuta miegħu ħareġ inqas minn 1 000 vettura ġdida rreġistrata fl-2013, mhux obligat li jilħaq mira tal-emissjonijiet speċifiċi;

"P" tfisser li l-manifattur huwa membru ta' konsorzju (elenkat fit-Tabella numru 2) iffurmat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, u li l-ftehim tal-konsorzju jkun validu għas-sena kalendarja tal-2013.

Il-kolonna C:

"Għadd ta' reġistrazzjonijiet" tfisser l-għadd totali ta' karozzi ġodda rreġistrati minn Stati Membri f'sena kalendarja, bl-esklużjoni ta' daww ir-reġistrazzjonijiet li huma relatati ma' rekords fejn il-valuri tal-massa u/jew tas-CO₂ huma neqsin, u daww ir-rekords li l-manifattur ma jirrikonoxxi. L-għadd ta' reġistrazzjonijiet irrappurtati mill-Istati Membri ma jistax jinbidel għall-ebda raġuni oħra.

Il-kolonna D:

"Medja tal-emissjonijiet ta' CO₂ (75 %) ikkoreġuta" tfisser il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ li tkun ġiet ikkalkulata abbażi tal-75 % tal-vetturi bl-inqas emissjonijiet fil-flotta tal-manifattur skont l-ewwel inċiż tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u l-punt 4 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010) 657 finali. Fejn hu rilevanti, il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ġiet aġġustata biex jitqiesu l-korrezzjonijiet li ġew innotifikati lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat. Id-dejta użata għall-kalkolu tinkludi dik li fiha valur validu tal-massa u tal-emissjonijiet ta' CO₂.

Il-kolonna E:

"Mira tal-emissjonijiet speċifiċi" tfisser il-mira tal-emissjonijiet ikkalkulata abbażi tal-medja tal-massa tal-vetturi kollha attribwiti lil manifattur, billi tintuża l-formula stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

Il-kolonna F:

"Id-distanza mill-mira" tfisser id-differenza bejn il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi mogħti fil-kolonna D u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi mogħti fil-kolonna E. Meta l-valur mogħti fil-kolonna F ikun wieħed pożittiv, il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi jkun jaqbeż il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi.

Il-kolonna G:

“Distanza mill-mira aġġustata” tfisser li, meta l-valuri mogħtija f’din il-kolonna jkunu differenti minn dawk mogħtija fil-kolonna F, il-valuri f’dik il-kolonna jkunu ġew aġġustati biex jitqies il-marġni ta’ żball. Il-marġni ta’ żball jintuża biss jekk il-manifattur ikun innotifika lill-Kummissjoni b’xi rekords bil-kodiċi tal-iżbalji B, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 014/2010. Il-marġni ta’ żball jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

Żball = il-valur assolut ta’ [(AC1 – TG1) – (AC2 – TG2)]

AC1 = il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta’ CO₂, inklużi l-vetturi mhux identifikabbli (kif stabbilit fil-kolonna D);

TG1 = il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi, inklużi l-vetturi mhux identifikabbli (kif stabbilit fil-kolonna E);

AC2 = il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta’ CO₂, minbarra l-vetturi mhux identifikabbli;

TG2 = il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi, minbarra l-vetturi mhux identifikabbli.

Il-kolonna I:

“Medja tal-emissjonijiet ta’ CO₂ (100 %)” tfisser il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta’ CO₂ li tkun ġiet ikkalkulata abbażi ta’ 100 % tal-vetturi attribwiti lill-manifattur. Fejn hu rilevanti, il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ġiet aġġustata biex jitqiesu l-korrezzjonijiet li ġew innotifikati lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat. Ir-rekords użati għall-kalkolu jinkludu dawk li fihom valur validu għall-massa u għall-emissjonijiet tas-CO₂ iżda ma jqisux is-superkrediti msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-31 ta' Ottubru 2014****dwar l-identifikazzjoni tal-verżjoni 2.1 tal-“Universal Business Language” għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/771/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Pjattaforma Ewropea ta' bosta Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT u ma' esperti settorjali,

Billi:

- (1) L-istandardizzazzjoni għandha rwol importanti fil-ħidma favur l-Istrateġija Ewropa 2020, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv” ⁽²⁾. Diversi inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 jisħqu dwar l-importanza ta' standardizzazzjoni volontarja fis-swieq tal-prodotti jew tas-servizzi sabiex tkun żgurata l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà bejn il-prodotti u s-servizzi, sabiex jitrawwem l-iżvilupp teknoloġiku u sabiex jingħata appoġġ lill-innovazzjoni.
- (2) Fis-soċjetà diġitali l-istrumenti tal-istandardizzazzjoni saru indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn it-tagħmir, l-applikazzjonijiet, ir-repożitorji tad-dejta, is-servizzi u n-netwerks. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Viżjoni strateġika għal standards Ewropej: Il-mixja 'l quddiem biex jittejjeb u jitħaffef it-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija Ewropea sal-2020” ⁽³⁾ tagħraf l-ispeċifità tal-istandardizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (l-ICT), fejn is-soluzzjonijiet, l-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-ICT ħafna drabi jiġu żviluppati minn Fora u Konsorzji globali tal-ICT, li saru organizzazzjonijiet ewlenin għall-iżvilupp tal-istandards tal-ICT.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 għandu l-għan li jimmodernizza u jtejjeb il-qafas Ewropew tal-istandardizzazzjoni. Dan jstabbilixxi sistema li biha l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tidentifika l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT li huma l-iktar rilevanti u aċċettati b'mod wiesa', maħruġa minn organizzazzjonijiet li mhumiex organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali tal-istandardizzazzjoni. Il-possibbiltà li tintuża l-medda sħiħa tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT fl-akkwist ta' hardwer, softwer u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni se tippermetti l-interoperabbiltà, se tgħin sabiex jiġu evitati r-restrizzjonijiet għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u se tħeġġeġ il-kompetizzjoni fil-provvista ta' soluzzjonijiet interoperabbli tal-ICT.
- (4) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT li jistgħu jkunu eliġibbli għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti tigarantixxi lill-awtoritajiet pubbliċi li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT huma stabbiliti f'konformità mal-prinċipji ta' ftuħ, imparzjalità, oġġettività u nondiskriminazzjoni li huma rrikonoxxuti mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) fil-qasam tal-istandardizzazzjoni.
- (5) Id-deċiżjoni li tiġi identifikata l-ispeċifikazzjoni tal-ICT għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Pjattaforma Ewropea ta' bosta Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT, stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ⁽⁴⁾ ikkumplimentata minn forom oħra ta' konsultazzjoni ma' esperti settorjali.

⁽¹⁾ ĠUL 316, 14.11.2012, p. 12.

⁽²⁾ COM(2010) 2020 final tat-3 ta' Marzu 2010.

⁽³⁾ COM(2011) 311 final tal-1 ta' Ġunju 2011.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2011 li twaqqaf Pjattaforma Ewropea ta' bosta Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT (ĠU C 349, 30.11.2011, p. 4).

- (6) Fit-22 ta' Meju 2014, il-Pjattaforma Ewropea ta' bosta Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT evalwat il-verżjoni 2.1 tal-"Universal Business Language" (UBL 2.1) billi qabblitha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u tat parir pożittiv dwar l-identifikazzjoni tagħha għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku. Sussegwentement, l-evalwazzjoni tal-UBL 2.1 ġiet sottomessa għall-konsultazzjoni ta' esperti settorjali li wkoll taw parir pożittiv dwar l-identifikazzjoni tagħha.
- (7) Il-UBL 2.1 żviluppata mill-Organizzazzjoni għall-avvanz tal-istandards tal-informazzjoni strutturata ("Organization for the Advancement of Structured Information Standards") hija librerija ħielsa mir-royalties ta' dokumenti elettroniċi standard għan-negozju fil-format tal-"Extensible Markup Language" (XML). Hija mfassla biex tidħol direttament fil-prattiċi eżistenti tan-negozju, tal-liġi, tal-awditjar u tal-immaniġġjar tar-rekords, u biex topera fi ħdan qafas kummerċjali standard bħall-ISO 15000 (eXML) sabiex tipprovi infrastruttura kompleta bbażata fuq l-istandards li tista' testendi l-benefiċċji tas-sistemi eżistenti tal-Iskambju Elettroniku tad-Dejta (EDI) għan-negozji ta' kull daqs,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-verżjoni 2.1 tal-"Universal Business Language" żviluppata mill-Organizzazzjoni għall-avvanz tal-istandards tal-informazzjoni strutturata hija eliġibbli għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KOOPERAZZJONI DOGANALI STABILIT TAĦT IL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA POPOLARI TAĊ-ĊINA DWAR KOOPERAZZJONI U ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA FI KWISTJONIJIET DOGANALI

tas-16 ta' Mejju 2014

rigward rikonoxximent reċiproku tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea u l-Miżuri dwar Ġestjoni Klassifikata tal-Programm ta' Intrapriżi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

(2014/772/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KOOPERAZZJONI DOGANALI (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "KKKD"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali, iffirmat fit-8 ta' Diċembru 2004 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-FKDARAKD"), u b'mod partikolari l-Artikoli 21(2)(c), tiegħu;

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni") u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ċ-Ċina") jimpennjaw ruħhom biex isaħħu l-kooperazzjoni doganali tagħhom skont il-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u ċ-Ċina.

Filwaqt li jafferma l-impenn tal-Unjoni u ċ-Ċina biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u l-formalitajiet rigward ir-rilaxx u l-iżdoganar rapidi tal-merkanzija.

Filwaqt li jafferma li s-sigurtà u s-sikurezza, u l-faċilitazzjoni tal-katina ta' provvista kummerċjali internazzjonali, jistgħu jkunu mtejba b'mod sinifikanti permezz ta' rikonoxximent reċiproku tal-programmi tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati rispettivi tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin "OEA").

Filwaqt li jafferma li l-programmi huma bbażati fuq standards tas-sigurtà rikonoxxuti fuq livell internazzjonali appoġġati mill-Qafas ta' Standards SAFE adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Qafas SAFE").

Filwaqt li jikkunsidra li l-programm OEA fl-Unjoni u l-Miżuri dwar il-Ġestjoni Kklassifikata tal-Programm ta' Intrapriżi fiċ-Ċina (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Programmi"), huma inizjattivi ta' sigurtà u konformità u li valutazzjoni konġunta wriet li l-istandards ta' kwalifika tagħhom għal skopijiet ta' sigurtà u sikurezza huma kompatibbli u wasslu għal riżultati ekwivalenti.

Filwaqt li jikkunsidra li rikonoxximent reċiproku jippermetti lill-Unjoni u liċ-Ċina sabiex jipprovdu benefiċċji faċilitattivi lill-operaturi ekonomiċi li nvestew fil-konformità u s-sigurtà tal-katina ta' provvista u ġew iċċertifikati fil-Programmi rispettivi tagħhom.

Filwaqt li jikkunsidra l-ħtieġa li jiġu adottati, għal dak il-għan, arranġamenti prattiċi skont l-Artikolu 17(5) tal-FKDARAKD.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-Programmi u entitajiet li ġejjin:

- (a) il-Programm OEA tal-Unjoni, li jkopri ċ-"Ċertifikat OEA — sigurtà u sikurezza", u ċ-"Ċertifikat OEA — simplifikazzjonijiet/sigurtà u sikurezza doganali", kif previsti fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ⁽¹⁾, flimkien mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ⁽²⁾;
- (b) il-Miżuri tal-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina fuq ġestjoni kklassifikata ta' intrapriżi id-Digriet (GACC) Nru 170, kif emendat mid-Digriet (GACC) Nru 197, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"programm MCME") li jkopri l-intrapriżi tal-kategorija AA; u
- (c) operaturi ekonomiċi li għandhom ċertifikat OEA fl-Unjoni, kif imsemmi fil-punt (a), u Intrapriżi li għandhom status tal-kategorija AA taħt l-MCME fiċ-Ċina, kif imsemmi fil-punt (b) (minn hawn 'il quddiem imsejħin "Membri tal-Programm").

Artikolu 2

Rikonoxximent Reċiproku u Responsabbiltà għall-Implimentazzjoni

1. Il-Programmi tal-Unjoni u taċ-Ċina għandhom b'dan jiġu rikonoxxuti reċiprokament li huma kompatibbli u ekwivalenti. Għandu jiġi aċċettat b'mod reċiproku kull status korrispondenti tal-Membri tal-Programm li jingħata.
2. L-Awtoritajiet Doganali definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 1 tal-FKDARAKD (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Awtoritajiet Doganali") għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jieħdu miżuri biex jimplementaw din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kompatibbiltà

1. L-Awtoritajiet Doganali għandhom iżommu l-konsistenza bejn il-Programmi. L-istandards applikati għall-Programmi għandhom jibqgħu kompatibbli fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) proċess ta' applikazzjoni għall-ġhoti ta' sħubija;
 - (b) valutazzjoni tal-applikazzjonijiet; u
 - (c) l-ġhoti tas-sħubija u l-ġestjoni tal-istatus tas-sħubija.
2. L-Awtoritajiet Doganali għandhom jiżguraw li l-Programmi joperaw fi ħdan il-kuntest tal-Qafas SAFE.

Artikolu 4

Benefiċċji

1. Kull Awtorità Doganali għandha tipprovi benefiċċji komparabbli għall-Membri tal-Programm taħt il-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra.

Il-benefiċċji għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

- (a) il-konsiderazzjoni b'mod pożittiv ta' status ta' Membru tal-Programm awtorizzat mill-Awtorità Doganali l-oħra fil-valutazzjoni tar-riskju sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet jew il-kontrolli u fmiżuri oħra relatati mas-sigurtà u s-sikurezza;
- (b) il-konsiderazzjoni tal-istatus ta' Membru tal-Programm awtorizzat mill-Awtorità Doganali l-oħra bil-ħsieb li l-Membru tal-Programm jiġi ttrattat bħala sieħeb sikur meta jiġu vvalutati r-rekwiżiti tal-imsieħba fin-negozju għal applikanti fil-Programm tagħha stess;
- (c) il-konsiderazzjoni tal-istatus ta' Membru tal-Programm awtorizzat mill-Awtorità Doganali l-oħra biex jiġi żgurat trattament ta' prijorità, ipproċessar imħaffef, formalitajiet simplifikati u rilaxx imħaffef tal-kunsinni bil-baħar fejn ikun involut il-Membru tal-Programm;
- (d) it-tentattiv li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kontinwità tan-negozju konġunt sabiex ikun hemm rimedju għat-tfixkil fluss kummerċjali minħabba żidiet fil-livelli tal-allerta tas-sigurtà, l-għeluq tal-fruntieri u/jew diżastri naturali, emerġenzi perikolużi jew inċidenti oħra kbar, fejn merkanzija ta' prijorità relatata ma' Membri tal-Programm tista' tiġi ffaċilitata u mibgħuta bl-aktar mod rapidu possibbli mill-Awtoritajiet Doganali.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠUL 253, 11.10.1993, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

2. Wara l-proċess ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 7(2), kull Awtorità Doganali tista' tipprovdi aktar benefiċċji ta' faċilitazzjoni, inkluż is-simplifikazzjoni tal-proċessi u ż-żieda fil-previdibilità tar-rilaxx tal-merkanzija, sa fejn hu possibbli, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet governattivi oħra.
3. Kull waħda mill-Awtoritajiet Doganali għandha żżomm l-awtorità li tissospendi l-benefiċċji pprovduti lill-Membri tal-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra f'din id-Deċiżjoni. Tali sospensjoni ta' benefiċċji bħal din minn Awtorità Doganali waħda għandha tkun motivata u tiġi minnufih ikkomunikata lill-Awtorità Doganali l-oħra għall-konsultazzjoni u l-valutazzjoni kif meħtieġ.
4. Kull Awtorità Doganali għandha tirrapporta irregolaritajiet li jinvolvu Membri tal-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra sabiex tiġi żgurata analiżi immedjata ta' kemm huma xierqa l-benefiċċji u l-istatus mogħtija mill-Awtorità Doganali l-oħra.

Artikolu 5

Skambju ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni

1. L-Awtoritajiet Doganali għandhom itejbu l-komunikazzjoni tagħhom sabiex jimplimentaw din id-Deċiżjoni b'mod effettiv. Huma għandhom jiskambjaw informazzjoni u jiffavorixxu komunikazzjoni dwar il-programmi tagħhom billi:
 - (a) jipprovdu lil xulxin bid-dettalji dwar il-Membri tal-Programm tagħhom, suġġett għall-paragrafu 4;
 - (b) jipprovdu aġġornamenti dwar l-operazzjoni u l-iżvilupp tal-Programmi tagħhom;
 - (c) jiskambjaw informazzjoni rigward il-politika u x-xejriet tas-sigurtà tal-katina ta' provvista;
 - (d) jiżguraw komunikazzjoni effettiva bejn l-aġenziji bejn id-Direttorat-Ġenerali għall-Finanzi u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea u l-Amministrazzjoni Doganali Ġenerali tar-Repubblika Popolari ta' Ċina sabiex jiġu mtejba prassi tal-ġestjoni ta' riskju fir-rigward tas-sigurtà tal-katina ta' provvista min-naħa tal-Membri tal-Programm.
2. L-Artikolu 17 tal-FKDARAKD għandu japplika għal kull skambju ta' informazzjoni skont din id-Deċiżjoni.
3. L-informazzjoni u *data* relatata għandhom jiġu skambjati b'mod sistematiku permezz ta' mezzi elettroniċi.
4. Id-dettalji li għandhom jiġu skambjati dwar il-Membri tal-Programm tagħhom għandhom ikunu limitati għal:
 - (a) l-isem tal-Membru tal-Programm;
 - (b) l-indirizz tal-Membru tal-Programm;
 - (c) l-istatus tal-Membru tal-Programm;
 - (d) id-data tal-validazzjoni jew awtorizzazzjoni;
 - (e) is-sospensjonijiet u r-revoki;
 - (f) in-numru uniku tal-awtorizzazzjoni (pereżempju n-numri EORI jew OEA); u
 - (g) dettalji oħra li jistgħu jkunu determinati reċiprokament bejn l-Awtoritajiet Doganali, suġġetti, fejn applikabbli, għal kwalunkwe salvagwardji neċessarji.

Artikolu 6

Trattament tad-Data

1. Kwalunkwe informazzjoni, inkluża kwalunkwe *data* personali, skambjata skont din id-Deċiżjoni għandha tkun miksuba, użata u pproċessata biss mill-Awtoritajiet Doganali u għall-iskop uniku tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. Kull informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skont din id-Deċiżjoni għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, skont ir-regoli applikabbli f'kull Parti u tkun koperta mill-obbligu tas-segretezza uffiċjali.
3. L-Awtoritajiet Doganali għandhom jiżguraw li l-informazzjoni skambjata tkun preċiża u aġġornata regolarment, u li jkunu fis-seħħ proċeduri xierqa tat-tħassir. Fil-każ li Awtorità Doganali tistabilixxi li informazzjoni pprovduta skont din id-Deċiżjoni għandha tiġi emendata, l-Awtorità Doganali li tipprovdi din l-informazzjoni għandha minnufih tavża lill-Awtorità Doganali riċeventi b'tali emendi. Ladarba nnotifikata b'dawn l-emendi, l-Awtorità Doganali riċeventi għandha minnufih tirreġistra dawk l-emendi. L-informazzjoni ma tistax tiġi pproċessata u miżmuma għal żmien itwal milli jkun meħtieġ għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

4. Fejn tiġi skambjata informazzjoni b'*data* personali skont l-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Deċiżjoni, l-Awtoritajiet Doganali għandhom jieħdu wkoll miżuri xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tad-*data*, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità u l-integrità. L-Awtoritajiet Doganali għandhom jiżguraw partikolarment li:
- is-salvagwardji tas-sigurtà huma fis-seħħ (inklużi salvagwardji elettroniċi) li jikkontrollaw, fuq il-bażi tal-ħtieġa, aċċess għall-informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni u li l-informazzjoni tiġi użata biss għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni;
 - l-informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra skont din id-Deċiżjoni tkun protetta mill-aċċess mhux awtorizzat, mid-disseminazzjoni, u mill-modifika, mit-tħassir jew mill-qerda, ħlief sal-limitu xieraq biex jiġi implimentat il-paragrafu 3;
 - l-informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni ma tiġix trażmessa lil kwalunkwe parti oħra, lil kwalunkwe pajjiż terz jew korp internazzjonali jew lil kwalunkwe awtorità pubblika oħra tal-Parti riċevienti mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Awtorità Doganali li tkun ipprovdiet l-informazzjoni. Kwalunkwe informazzjoni trażmessa b'kunsens bil-miktub minn qabel tintuża skont il-kondizzjonijiet speċifikati f'din id-Deċiżjoni u suġġetta għal kwalunkwe restrizzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità li pprovdiet l-informazzjoni.
 - l-informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni tkun maħżuna l-ħin kollu fsistemi ta' ħażna elettroniċi u/jew kartaci siguri. Reġistri jew dokumentazzjoni jinżammu fuq l-aċċess kollu, kif ukoll l-ipproċessar u l-użu ta' informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra.
5. Fir-rigward ta' kwalunkwe *data* personali li tista' tkun skambjata skont din id-Deċiżjoni, Membru tal-Programm jista' jitlob aċċess għal rettifika, imblukkar jew tħassir ta' kwalunkwe tali *data* relatata miegħu jew magħha li hija pproċessata minn Awtorità Doganali. Kull Awtorità Doganali għandha tavża lill-Membri tal-Programm tagħha dwar kif għandu jintalab aċċess, rettifika, imblukkar jew tħassir fl-ewwel istanza. L-Awtorità Doganali mitluba għandha tikkorreġi kull *data* mhux preċiża jew mhux kompluta.
6. Fir-rigward ta' kwalunkwe *data* personali li tista' tkun skambjata skont din id-Deċiżjoni, Membri tal-Programm għandu jkollhom id-dritt għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv huma x'inhuma n-nazzjonalità u l-pajjiż ta' residenza tagħhom. F'dan il-kuntest, kull Awtorità Doganali għandha tinforma wkoll lill-Membri tal-Programm bl-għażliet biex wieħed ifittex rimedju amministrattiv u ġudizzjarju.
7. Fuq talba tal-Awtorità Doganali fornitriċi, l-Awtorità Doganali riċevienti għandha taġġorna, tikkorreġi, timblokka, jew tħassar informazzjoni riċevuta skont din id-Deċiżjoni li ma tkunx preċiża jew li ma tkunx kompluta jew jekk il-ġbir tagħha jew l-ipproċessar ulterjuri jkunu jiksru din id-Deċiżjoni jew l-FKDARAKD.
8. Kull Awtorità Doganali għandha tinnotifika lill-Awtorità Doganali l-oħra fil-każ li ssir taf li informazzjoni materjali li tkun ittrasmettiet lill-Awtorità Doganali l-oħra, jew riċevuta mill-Awtorità Doganali l-oħra skont din id-Deċiżjoni, ma tkunx preċiża jew ma tkunx affidabbli jew tkun suġġetta għal dubbu sinifikanti. Fejn Awtorità Doganali tiddetermina li informazzjoni li tkun irċeviet mingħand l-Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni ma tkunx preċiża, din għandha tieħu l-miżuri kollha li tqis xierqa sabiex tissalvagwardja kontra d-dipendenza żbaljata fuq tali informazzjoni, inklużi s-supplimentazzjoni, it-tħassir, jew il-korrezzjoni ta' tali informazzjoni.
9. Il-konformità mad-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu minn kull Awtorità Doganali għandha tkun suġġetta għal sorveljanza u rieżami mill-awtorità rilevanti rispettiva tagħhom. Għall-Unjoni, dawk l-awtoritajiet huma l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-Istati Membri tal-Unjoni, u għaċ-Ċina dik l-awtorità hija l-Amministrazzjoni Ġenerali Doganali taċ-Ċina. Dawk l-awtoritajiet għandu jkollhom is-setgħat effettivi li jissorveljaw, jinvestigaw, jintervjenu u jeżaminaw mill-ġdid, u jkollhom is-setgħa li jirrifjeru ksur tal-liġi għal azzjoni legali, fejn xieraq. Dawn għandhom jiżguraw li l-ilmenti rigward in-nuqqas ta' konformità huma riċevuti, investigati, imwiegħba, u adegwatament rimedjati.
10. Il-KKKD għandu jirrieżamina l-ipproċessar tad-*data* personali skont din id-Deċiżjoni. Rieżami bħal dan għandu jsir fuq talba ta' kull waħda mill-Awtoritajiet Doganali, jew għall-inqas kull sentejn. Kull Awtorità Doganali għandha tipprovidi l-informazzjoni neċessarja dwar miżuri meħuda biex tiġi żgurata konformità u jiġi pprovdut aċċess għad-dokumentazzjoni, sistemi u persunal rilevanti u jitwaqqaf kull ipproċessar li jidher li jkun qed jiksru din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Konsultazzjoni u Rieżami

- Il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jissolvew permezz ta' konsultazzjonijiet bejn l-Awtoritajiet Doganali fil-qafas tal-KKKD.

2. Il-KKKD għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni regolarment. Il-proċess ta' rieżami jista' jinkludi, b'mod partikolari:
- (a) verifiki konġunti sabiex jidentifikaw il-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa fl-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku;
 - (b) skambji ta' opinjonijiet dwar dettalji li għandhom jiġu skambjati u benefiċċji, inkluż kwalunkwe benefiċċju futur, li għandu jingħata lill-operaturi skont l-Artikolu 4(2);
 - (c) skambji ta' opinjonijiet dwar dispożizzjonijiet ta' sigurtà bħal protokoll li għandhom jiġu segwiti waqt u wara inċident ta' sigurtà serju (tkomplija tal-attivitajiet kummerċjali) jew meta l-kondizzjonijiet jiġġustifikaw is-sospensjoni tar-rikonoxximent reċiproku;
 - (d) eżami tas-sospensjoni tal-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 4(3) ta' din id-Deċiżjoni;
 - (e) rieżami tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Effett u Sospensjoni

1. Il-kooperazzjoni taħt din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva mal-iffirmar.
2. Kull waħda mill-Awtoritajiet Doganali tista' tissospendi l-kooperazzjoni taħt din id-Deċiżjoni f'kull ħin billi tagħti avviż bil-miktub ta' mill-anqas tletin (30) ġurnata ta' dan.

Magħmul f'Beijing, is-16 ta' Mejju 2014.

Għall-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u ċ-Ċina

Għall-Kummissjoni Ewropea

Għall-Amministrazzjoni Doganali Ġenerali tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina

Algirdas ŠEMETA

YU Guangzhou

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT